Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/943

21.5.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/943**

**tal-20 ta' Mejju 2025**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-24 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 ([1]), li stabbiliet Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) għal perjodu ta' sentejn mit-tnedija tal-Missjoni.

(2) Fit-22 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/993 ([2]) li nediet l-EUPM Moldova u tat lill-missjoni ammont ta' referenza finanzjarja għall-perjodu mill-24 ta' April 2023 sal-21 ta' Mejju 2025.

(3) Fil-kuntest tar-Reviżjoni Strateġika tal-EUPM Moldova, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li jenħtieġ li l-EUPM Moldova tiġi estiża sal-31 ta' Mejju 2027. Barra minn hekk, il-KPS qabel li jenħtieġ li l-EUPM Moldova żżid l-għoti ta' pariri strateġiċi lill-awtoritajiet tal-Moldova fis-settur tas-sigurtà u li jenħtieġ li ċ-Ċellula ta' Proġetti tagħha tiffoka fuq proġetti li jkunu konformi mal-parir strateġiku pprovdut mill-EUPM Moldova taħt il-mandat tagħha.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 tiġi emendata skont dan.

(5) EUPM Moldova ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istrutturi tal-Moldova ta' maniġġar ta' kriżijiet iffukati fuq is-settur tas-sigurtà permezz ta':

(i) l-għoti ta' pariri strateġiċi lill-awtoritajiet tal-Moldova;

(ii) l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' organizzazzjoni, ta' taħriġ u tagħmir;

(iii) l-implimentazzjoni gradwali tal-azzjonijiet proposti u s-soluzzjonijiet identifikati;";

(2) l-Artikolu 13(1) huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza "L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perjodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill." titħassar;

(b) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPM Moldova għall-perjodu mit-22 ta' Mejju 2025 sal-31 ta' Mejju 2027 għandu jkun ta' EUR 19 817 594,70.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/855 tal-24 ta' April 2023 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (ĠU L 110, 25.4.2023, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/855/oj).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/993 tat-22 ta' Mejju 2023 li tniedi l-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (ĠU L 135, 23.5.2023, p. 118, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/993/oj).

(3) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-EUPM Moldova għandu jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jkunu konformi mal-parir strateġiku pprovdut f'konformità mal-mandat tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 2(2).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-KPS.";

(4) l-Artikolu 18, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Mejju 2027.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS